MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 599/2012

**Simon Marchett K.I. 352190(M)**

**vs.**

**C & M Contractors Limited C- 30803**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand is-soċjeta′ konvenuta tas-somma ta’ tlett’elef u ħamsa u għoxrin Ewro (€3025.00) rappreżentanti penali ta’ ħamsa u għoxrin Ewro (€25) għal kull jum ta’ dewmien mill-ewwel (1 ) ta’ Mejju tas-sena elefejn u tnax (2012) sad-data tal-preżentata tal-avviż dovuti skond kuntratt datat tmienja (8) t’Awwissu tas-sena elfejn u ħdax (2011) stante li s-soċjeta` konvenuta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha fiż-żmien miftiehem bejn il-partijiet u stabbilit fil-kuntratt surreferit.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li s-soċjeta` konvenuta naqser li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' tlett'elef u ħamsa u għoxrin Ewro (€3025.00), bl-imgħax legali dekorribbli mid-29 t'Awwissu 2012 li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------